MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2005

Numru 920/2004

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **David Buhagiar,** ta’ 25 sena, bin Joseph u Vincenza nee’ Baldacchino, mwieled Pieta’ fid-29 ta’ Settembru, 1978, residenti f’fond numru 11, Triq Zammit Clapp, Pieta’ w detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 481078(M) u

**Kristian George Abela** ta’ 19-il sena, bin George u Maria Concetta nee’ Polidano, mwieled Pieta’ nhar l-14 ta’ Jannar, 1985, residenti f’ ‘Seafront Court’, Flat 1, Block 1A, Sqaq ix-Xatt numru 1, Marina Street, Pieta’ u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 81085(M), akkuzati talli:

(1) fl-1 ta’ Awissu, 2004 fir-Rabat, Malta

a) iffalsifikajtu jew biddiltu, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta’ industrija jew xjentement ghaliltu uzu ta’

dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew

b) ghamiltu uzu, xjentement ta’ marka, sinjal, tabella, jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghetu merkanzija b’din il-marka, sinjal jew emblema; jew

c) xjentement qieghdu fic-cirkolazzjoni, bieghetu jew zammejtu ghandkom ghall-bejgh jew jimportajt ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq;

u cioe 120 DVDs tal-film (u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 298 (1) (a) (c) u (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

(2) u aktar talli, fl-istess lok u cirkostanzi, ghal qlieh, jew bi skop ta’ kummerc, stampajtu, mmanifatturajtu, dduplikajtu jew mod iehor irriproducejtu, kkopjajtu jew bieghtu, qassamtu, jew mod iehor offrejtu ghall-bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha;

(3) u aktar tallim fl-istess data, lok u cirkostanzi ghamiltu xi haga minghajr licenzja ta’ l-Awtorita kompetenti, meta din il-licenzja hija mehtiega minn Ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-Awtorita’ kompetenti bis-sahha ta’ dik il-ligi.

(dan bi ksur ta’ l-Artikolu 13 tal-Kap 441 tal-Ligijiet ta’ Malta)

U b’hekk intom David Buhagiar u Kristian George Abela sirtu recidiv a termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivu u ma jistghux jigu mibdula;
Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-avukat generali kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputati sabiex il-kaz taghhom ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati tressqu quddiem din il-Ortiz sabiex iwiegbu ghall-akkuzi migjuba kontra taghhom wara spezzjoni fuq il-monti tar-Rabat fejn l-imputat Abela intlemah sejjer b'mod mghaggel mill-"istand" tal-imputat Buhagiar b'borza f'idu. Dan qanqal suspett fil-Pulizija li malli intercettaw lill-Abela dan kellu l-basket mimli b'DVD's li irrizultaw foloz. Abela stqarr mal-Pulizija illi dawk id-DVD's ma kienux tieghu izda kienu tal-imputat Buhagiar li talbu jitlaq' jigri bil-basket ghar-raguni li spejgalu wara;

Ikkunsidrat illi mill-provi mressqa, l-istand tal-monti jappartjeni lill-imputat Buhagiar u dan tal-ahhar huwa l-persuna licenzjata biex taghmel negozju minn hemm. L-imputat Abela ghandu xoghol fiss u ma ghandu l-ebda konnessjoni ma' Buhagiar ghajr illi huma hbieb u gieli jmur jghinu biex jarma l-istand tieghu fuq il-monti.

Illi minn dak li semghet il-Qorti l-imputat Abela ma ghandu l-ebda konnessjoni mal-kaz in dizamina ghajr li kien fil-pussess ta' basket mimli DVD's foloz f'cirkostanzi li ma kienux juri li kien ser jinnegozja fl-istess.

Illi dan ma jistax jinghad, izda, fil-konfront tal-imputat Buhagiar. Dawn id-DVD's kienu proprejta' tieghu u la darba instabu fuq l-istand fejn jarma fuq il-monti fimkien ma' oggetti ohra li jifformaw parti mill-merci tieghu.

Illi ghalhekk fil-konfront tal-imputat Buhagiar, il-prosekuzzjoni ippruvat il-kaz taghha fil-grad rikjest mil-ligi u ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu filwaqt illi, ghal-mottivi fuq moghtija, Kristian George Abela qed ikun illiberat;

Wara li rat l-artikoli298 (a), (c) u (f), 298B Kap 9 u 13 Kap 441;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat;

Stante li piena karcerajra mhix addattata ghall-dan il-kaz tneut kont ta-ammont zghir ta’ DVD’s in kwistjoni, bl-applikazzjoni tal-

artikolu 21 tal-Kap 9, qed tikkundannah ghal-hlas ta’ multa ta’ Lm200 u tordna il-konfiska u distruzzjoni tal-oggetti esebiti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------